MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 19/2024 LM

**Jason John Vella (K.I. Numru 207093(M)) u**
**Diana Vella (K.I. nru. Numru 441200(L))**
*('l-appellati')*

***vs*.**

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054),**
**Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u Enemalta p.l.c.**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta ARMS'], **Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma** u **Enemalta p.l.c.** [hawnhekk kollha flimkien 'l-appellanti'] minn deċiżjoni tal-Arbitru [minn issa 'l

quddiem ‘l-Arbitru’] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta tal-14 ta’ Marzu, 2024, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali appellat’], li permezz tiegħu ddeċieda l-pretensjonijiet tar-rikorrenti **Jason John Vella (K.I. Numru 207093(M))** u **Diana Vella (K.I. nru. Numru 441200(L)** [hawnhekk flimkien ‘l-appellati’], billi ddikjara:

> *“...filwaqt li jiċħad bħala infondati il-proċeduri tal-kontro-talba magħmula f’dawn il-proċeduri, jaqta’ u jiddeċiedi dan il-każ billi [1] jiddeċiedi illi il-konsum reġistrat fuq il-fond 19Ċ Triq ix-Xatt Imġarr, Għajnsielem, Għawdex, għandu jiġi ikkalkolat bir-rati applikabbli għal ħwienet kummerċjali u mhux residenzjali iżda dan biss b’effett mill-21 ta’ Frar 2020, [ii] jordna illi jinħarġu l-kontijiet ta’ dan il-konsum bir-rata kummerċjali b’effett mill-istess data sabiex, wara li jsiru il-konteġġi ġusti bejn il-partijiet, min jirriżulta debitur jħallas l-ammont dovut immedjatament.*
>
> *Bl-ispejjes kollha, inkluz bl-ispejjes ta’ kwalsiasi proċedura oħra li ittieħdet in konnessjoni ma’ dan l-Arbitragg, senjatament dawk relatati mal-Mandat ta’ Inibizzjoni konness ma’ dawn il-proċeduri, kontra l-istess soċjetajiet intimati.”*

**<u>Fatti</u>**

2. L-appellati huma l-utenti reġistrati fuq il-kont tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma numru 411000117564 tal-fond 19Ċ, Triq ix-Xatt, Għajnsielem, Għawdex, liema kont kien għal użu residenzjali. Wara li l-imsemmija appellati kienu akkwistaw il-permessi relattivi sabiex l-użu tal-fond jinqeleb għal wieħed ta’ ristorant u stabbiliment tal-*catering,* fl-2020 huma kienu marru fl-uffiċċju tas-soċjetà appellanta ARMS sabiex jitolbu l-assistenza dwar il-formoli li kellhom jiġu ppreżentati, anki sabiex is-servizz minn *single phase* jinqeleb għal wieħed ta’ *three phase.* L-appellanti ngħataw il-parir sabiex jimlew il-formola magħrufa bħala *‘Applikazzjoni għal Tibdil tas-Servizz’,* u din ġiet aċċettata fil-21 ta’ Frar, 2020. Il-fond beda jiġi ġestit bħala ristorant, u l-kontijiet tħallsu regolarment

fiż-żmien mogħti, iżda f'Novembru 2021 l-appellati rċevew kont ta' €14,501.09 għall-perijodu bejn il-21 ta' Settembru, 2021, u t-12 ta' Ottubru, 2021. Wara li huma kienu marru jindagaw għaliex il-kont kien wieħed daqshekk għoli, skoprew li l-appellanti kienu ħadmuh bir-rati applikabbli għall-użu residenzjali. L-appellati sussegwentement ġew notifikati mill-appellanti li s-servizzi kollha f'isem l-appellat, jiġifieri anki dawk tad-dar residenzjali tagħhom, kienu ser jiġu sospiżi, u għalhekk l-istess appellati kienu talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-istess appellanti u b'hekk jinżammu milli jieħdu l-azzjoni deċiża fil-konfront tagħhom.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellati b'hekk kienu għaddew ukoll sabiex ippreżentaw Avviż tal-Arbitraġġ u Dikjarazzjoni tat-Talba fiċ-Ċentru, fejn filwaqt li ddikjaraw li l-ammont pretiż ma kienx dovut, huma talbu lill-Arbitru għal:

*"(1) Dikjarazzjoni li l-konsum reġistrat fuq il-fond 19Ċ, Triq ix-Xatt, l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex għandu jiġi kkalkolat bir-rati applikabbli għal ħwienet kummerċjali u mhux residenzjali, u dan b'effett mill-21 ta' Frar 2020;*

*(2) Ordni sabiex l-intimati joħorġu l-kontijiet ta' dan il-konsum bir-rata kummerċjali b'effett mill-imsemmija data; sabiex wara jsiru l-konteġġi ġusti u min jirriżulta debitur minn fost l-intimati fuq naħa u l-esponenti fuq in-naħa l-oħra jiġi ordnat sabiex iħallas l-ammont dovut immedjatament.*

*(3) Kundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi".*

4. L-appellanti wieġbu fil-21 ta' Lulju, 2022, fejn eċċepew is-segwenti:

*"a) Illi, fid-9 ta' Novembru 2016, ir-rikorrent kien ppreżenta formola ta' trasferiment mal-esponenti, u dan sabiex il-kont in kwistjoni jiġi ttrasferit għal fuqu, billi*

*jingħata numru tal-kont ġdid. Jiġi rilevat illi, qabel ma sar dan it-trasferiment, il-kont in kwistjoni reġistrat fuq l-utent preċedenti, kien jiġi kkomputat fuq ir-rata domestika (Formola Annessa u mmarkata bħala* ***Dok ARMS 1****).*

b) *Illi, meta ġie ttrasferit il-kont in kwistjoni fuq ir-rikorrent, il-kontijiet kollha li nħarġu wara d-data tat-trasferiment kollha ġew kkomputati u maħruġa fuq ir-rata domestika, liema kontijiet ir-rikorrent beda jirċevihom.*

c) *Illi sussegwentement ir-rikorrent kien issottometta applikazzjoni mas-soċjetà esponenti, nhar -il wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020), sabiex r-rikorrent jirreġistra tibdil ta' servizz u ċioe sabiex iżid il-*load *tad-dawl (minn* single phase *għal* three phase*). Illi għal dan il-għan kienet giet sottomessa l-formola 'Be' li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok ARMS2****;*

d) *Illi in segwitu ta' tali applikazzjoni, s-soċjetà esponenti ħadet l-inkarigu sabiex inbidel il-*meter *u dan f'konformità mat-talba tar-rikorrent li saret permezz ta' formula u/jew applikazzjoni appożita u intiża speċifikament għal dan il-għan;*

e) *Illi sussegwentament għal tali talbiet, preċiżament fit-tnax (12) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u għalhekk ferm wara l-applikazzjoni surreferita, r-rikorrent issottometta applikazzjoni u/jew formola mas-soċjetà esponenti sabiex tinbidel it-tariffa minn waħda domestika għal waħda* non-residential. *Illi tali applikazzjoni saret permezz ta' 'Form R' li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok ARMS3****.*

f) *Illi in segwitu ta' tali talba appożita u speċifika, s-soċjetà esponenti pproċessat din it-talba u b'hekk sar it-tibdil fit-tariffa mid-data tal-applikazzjoni appożita u ċioe min-nhar it-tnax (12) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).*

g) *Illi nonostante l-fatt li s-soċjetà esponenti dejjem pproċessat it-talbiet u l-applikazzjoni tar-rikorrent fl-immedjat skont id-data li tali talbiet u/jew applikazzjonijiet ikunu saru, r-rikorrent qiegħed jippretendi inġustament li l-applikazzjoni tiegħu datata fit-tnax (12) t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) tiġi proċessata b'mod retroattiv u mhux mid-data li fiha saret l-applikazzjoni.*

h) *Illi inoltre, r-rikorrent qiegħed jippretendi li dan isir sabiex ikun hemm tibdil sostanzjali fit-tariffi u kontijiet li huwa obbligat u dovut li jħallas lis-soċjetà esponenti u ċioe tariffi u kontijiet li nħarġu fuq ir-rata domestika, kif wara kollox kien ddikjara r-rikorrent innifsu.*

i) *Illi b'rabta mal-argumentazzjoni surreferita, tajjeb jiġi rrilevat li fil-mument li r-rikorrent ssottometta l-formola appożita sabiex it-tariffa tinbidel minn waħda*

*domestika għal waħda* non-residential, i*s-soċjetà esponenti ħadet ħsieb illi taffettwa tali tibdil immedjamenta, kif wara kollox mitlub permezz ta' applikazzjoni appożita.*

*j) Illi madankollu, ma jkunx għal kollox ġust u ekwu li tali applikazzjoni tinħadem b'mod retroattiv.*

*k) Illi s-soċjetà esponenti tisħaq illi kwalsiasi applikazzjoni appożita tiġi pproċessata skont dak dikjarat u sottomess mill-applikant, f'dan il-każ ir-rikorrent, u għalhekk kwalsiasi nuqqas li seta' ġie kommess da parte tar-rikorrent fit-talbiet (u/jew nuqqas tagħhom), m'għandu bl-ebda mod u bl-ebda manjiera jiġi addebitat lis-soċjetà esponenti.*

*l) Illi preżentament r-rikorrent rikonvenzjonat għandu jħallas lis-soċjetajiet intimati rikonvenzjonanti l-ammont komplessiv ta' €16,277.81, rappreżentanti konsum rreġistrat fuq il-kont surreferit (kif debitament indikat mid-dokumentazzjoni annessa hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok ARMS 4****)*

*...*

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti Vella għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a karigu tal-istess rikorrenti."*

5. L-appellanti kontestwalment ressqu kontro-talba, fejn talbu lill-Arbitru għal:

*1. Dikjarazzjoni li r-rikorrenti rikonvenzjonati huma debituri tas-soċjetajiet intimati rikonvenzjonanti fl-ammont komplessiv ta' €16,277.81, liema ammont jirrappreżenta konsum rreġistrat mill-istess rikorrenti rikonvenzjonati maħdum bir-rati skont kif indikati fil-formoli appożiti ppreżenatati fir-rigward tal-istess fond;*

*2. Ordni sabiex r-rikorrenti rikonvenzjonati iħallsu lis-soċjetajiet intimati rikonvenzjonanti fl-ammont komplessiv surreferit ta' €16,277.81;*

*3. Kundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex iħallsu l-ammont komplessiv surreferit ta' €16,277.81 kif ukoll l-ispejjeż ta' dina l-proċedura kif ukoll dawk relatati mal-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru ta' referenza 22/2022/1".*

6. L-appellati wieġbu għall-kontro-talba fid-29 ta' Lulju, 2022, fejn eċċepew is-segwenti:

*"L-ammont mitlub fil-kontro-talba ma huwiex dovut għar-raġunijiet indikati fit-talba prinċipali.*

*Barra minn hekk, l-ammont mitlub huwa esaġerat u mhux korrett.*

*Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*F'kull każ u mingħajr preġudizzju, fid-dawl tal-fatt li l-esponenti ppreżenta t-talba tiegħu proprju sabiex jiġi deċiż jekk l-ammont huwiex dovut jew le, din il-kontro-talba saret intempestivament u mingħajr raġuni ġusta. Huwa ovvju li jekk, kontra kull konvinzjoni tal-esponenti, it-talba tiegħu tiġi miċħuda huwa ser ikun obbligat li jħallas l-ammont ibbazat fuq il-konsum tiegħu kkalkolat bir-rata residenzjali minflok kummerċjali."*

## Il-Lodo Arbitrali Appellat

7. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Isegwi għalhekk, la darba hemm qbil illi biex isir dan hemm formula apposta li għandha timtela, illi il-*puntus temporis *huwa x'intalab u x'ingħata fil-mument li marru ir-rikorrenti għand is-soċjetà intimata biex isir dan it-tibdil.*

*Fi ftit kliem, li huwa importanti hu: x'talbu li riedu jagħmlu ir-rikorrenti lill-impjegata tas-soċjetà intimata u x'formuli ingħataw mill-istess impjegata tas-soċjetà intimata.*

*Jidher illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll is-sinjura tieghu, dehru għall-esponenti arbitru, li huma nies tal-affari tagħhom u affidabbli. Ma kienux nies illitterati. Kienu nies li kienu jafu jaqraw. Fi ftit kliem huma nies kif huma il-maġġoranza tal-popolazzjoni Maltija, però, illi avolja hija litterata u forsi anke gradwata, meta jmorru ġewwa uffiċċju u jagħtu l-informazzjoni li jridu, jingħataw formula li għalihom, jieħduha* "for granted" *illi hija il-waħda relattiva mad-domanda tagħhom, u ċioe li tkun tikkombaċja mat-talba tagħhom.*

*Fil-ħajja normali tal-bniedem, mitt darba, il-konsumatur li jivviżita uffiċċju, hu liema hu, kemm dak governattiv kif ukoll dak tal-partikolar, jintalab informazzjoni – bħal, per eżempju in-numru tal-karta tal-identità, id-data tat-twelid, l-indirizz tiegħu, huwiex miżżewweġ jew le. Imbagħad, wara li huwa jara li l-informazzjoni qed timtela mir-rappreżentant innifsu, il-konsumatur jintalab jiffirma. Ħadd ma joqgħod jaqra*

*dak li l-Ingliżi isejjħu* "small print". *Jintqal lill-konsumatur* "issa tirċievi kollox bil-posta."

*Dal-konsumatur ma joqgħodx jifli illi dik il-formula li qed tiġi mimlija u li qed jiffirma li, materjalment, hija il-waħda appożita għall-esiġenzi tiegħu. La darba huwa ikun qal lill-impjegat tal-dipartiment/uffiċċju/bank, ikun xi jkun, x'għandu bżonn, il-konsumatur joħodha* "for granted" *illi il-formula li tkun ġiet prokurata lilu, tattalja ma' dik l-esiġenza li għaliha kien oriġinarjament irrikorra fl-uffiċċju.*

*Minn naħa l-oħra l-impjegat/a tal-kumpannija/dipartiment governattiv/bank, hu x'inhu – għal każ in eżami allura l-impjegata tas-soċjetà intimata, hija fid-dover li tara u taċċerta ruħha illi tifhem x'ikun talab il-konsumatur, tara li dak li qed jintalab jista' jinqeda bil-formula li ser tiġi provduta u li allura wara ma jkollux indiema minn x'hiex jindemm.*

*Illi is-soċjetà intimata tissottmetti, wara li ghamlet riferenza ghal dak li intqal mir-rikorrenti in kontro-ezami, illi* "isegwi b'mod logiku u awtomatiku li dak li kien ovvju għar-rikorrenti fid-data tas-seduta surriferuta meta kien kontro-eżaminat ċertament illi kien ugwalment ovvju dakinhar tal-applikazzjonijiet rispettivi u għalhekk huwa tassew inġust u żbaljat li jipprova jitrrasferixxi it-tort tiegħu fuq is-soċjetà intimata".

*Dan huwa raġunament, bir-rispett kollu, illi ma jsegwiex. Kif jgħidu it-Taljani, dan huwa raġunament* "col senno del poi". *Il-Malti jgħid "wara kulħadd bravu". L-Arbitru iħoss illi li huwa importanti, għal finijiet biex wieħed jista' jasal għall-konklużjoni ekwa u ġusta, mhux jekk ir-rikorrenti, waqt is-seduta, kienx jagħraf id-differenza tad-diversi formuli tas-soċjetà intimata, iżda x'qal hu lir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata u dan/din x'ta/tat lir-rikorrenti fil-ġurnata li mar għandha. Għall-Arbitru dak li il-*punctus temporis*.*

*Maria Borg, li xehdet in rappresentanza tas-soċjetà intimata, qalet li kienet l-impjegata li pproċessat l-applikazzjoni in kwistjoni, stqarret, bl-onestà kollha, illi hija qatt ma rat lir-rikorrenti, qatt ma kellmet lir-rikorrenti, ma tiftakarx il-każ partikolari u imbagħad kompliet tixhed dak li hija il-prattika kostanti tagħha. Qalet li hemm il-*customner care unit *li jittratta direttament mal-konsumatur u ċioe ma' nies bħar-rikorrenti, f'dan il-każ.*

*Mhux indubbitat illi il-prattika hi li hi u Alla ħares mhiex hekk għax kieku ma kienx ikun hawn dan il-każ wieħed iżda għexiren ta' każijiet simili. Fi ftit kliem il-prattika hi li r-rappreżentant tal-*customer care unit *taqdi lill-konsumatur bl-akbar abbiltà u attenzjoni u Alla ħares mhux hekk. Kulħadd huwa, però, suxxettibbli għal żball u jidher illi dan il-każ huwa wieħed minn dawk li jaqa' fl-eċċezzjoni tar-regola.*

*X'intqal jew x'ġie skambjat f'*emails *interni tas-soċjetà intimata għandha ftit li xejn, biex ma jingħadx, xejn importanza għax il-bażi tal-proċeduri mhiex l-iskambju ta' dan l-emails iżda ħaġa ħra kompletament. Għalhekk għall-esponenti arbitru dak li qalet Jacqueline Pace għandu importanza minima, biex ma jingħadx li ma għandux assolutament ebda importanza.*

*Għal kuntrarju dak li qal ir-rikorrenti u martu għandu importanza qawwija. Similment kien ikollu importanza qawwija kieku ir-rappreżentanza tas-soċjetà intimata kienet kapaċi tixhed fuq iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.*

*Mrs Vella tgħid testwalment hekk:*

"X'ħin konna ser nikru il-fond bħal car rental konna, żewgi u jien, morna l-ARMS u informajnihom illi konna ser nikru il-fond bħala fond kummerċjali………… Għalija għalhekk konna qbilna għal *non-residential* u għal 3 Phase għax jien hekk kont tlabthom.

Miegħi dakinhar kelli lil żewġi…".

*L-esponenti iħoss, minn dak illi xehdet Mrs Vella, illi, min-naħa tar-rikorrenti, huma qalu lir-rappreżentant tal-*customer care unit *x'kellhom bżonn u kienet din il-persuna li, allura, fehmet ħażin lir-rikorrenti u provdiet formula mhux dik appożita għall-każ in kwistjoni.*

*Dan ċertament ma sarx b'xi qerq minn din il-persuna, li ħadd ma jaf min hi, iżda ma kellha ebda interess illi tweġġa' lil xi wieħed mill-partijiet, iżda it-tort tagħha, x'aktarx bi traskuraġini, la darba ma hemmx spjegazzjoni aħjar, ma jistax jirritonda fuq il-konsumatur.*

*Jekk kien hemm nuqqas, jekk kien hemm traskuraġini, jekk kien hemm żball – la darba irriżulta illi ir-rikorrenti kienu qalu ċar u tond x'riedu jagħmlu huma lir-rappreżentant tas-soċjetà intimata – kif irriżulta ampjament supra, meta xehdet Mrs Vella, isegwi illi ir-rikorrenti ma jistax jiġi addebitat bl-iżball ta' ħaddieħor.*

*Forsi hawn wieħed jista' jobjetta u jgħid illi il-konsumatur imissu jara x'dokumenti għaddewlu biex jiffirma qabel ma jaqbad u jiffirmahom. Dan huwa veru wkoll iżda wieħed irid iżomm il-perspettiva vera quddiem għajnejh qabel ma jaċċetta tali sottomissjoni.*

*Kulħadd jaf illi meta individwu imur quddiem uffiċċju governattiv, bank jew kwalsiasi istituzzjoni oħra, min ikun qed jaqdi ikollu seba' mitt sena li jaqdi lil dik il-persuna u, bil-Malti, jeħles minnha, għax ix-x'aktarx hu li jkollu nies oħra x'jaqdi wara. Isegwi*

*allura illi normalment il-formula provduta tiġi aċċettata ciecament mill-konsumatur għax dan jemmen, u bir-raġun, li hija il-formula it-tajba, timtela, x'aktarx mill-uffiċjal innifsu u l-konsumatur jingħata il-formula, jiġi indikat fejn għandu jiffirma u barra mid-daqq. Allura il-konsumatur jaqbad u jiffirma.*

*Hekk normalment isiru l-affarijiet u allura il-konsumatur ma jistax, għax l-affarijiet imorru ħażin, jiġi akkollat b'tortijiet. Fattwalment hu ma jkollux tort. Hija l-għaġġla li twassal ghal dawn l-izbalji. L-għaġġla, però, ma tistax u ma għandhiex tiġi addebitata lilu.*

*Barra minn dawn il-konsiderazzjonijiet bil-fatt li is-soċjetà intimata ma ħarġitx kont attwali iżda kienet toħroġ biss stimi u ma kien hemm ebda raġuni valida għala dan sar – il-fond kien ikun miftuħ u allura ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata seta' faċilment imur u jaqra b'għajnejh l-arloġġi li jirrekordjaw il-konsum – isegwi ukoll illi l-iżball ġie doppjament perpetwat a skapitu tal-konsumatur u kieku sar il-qari tal-*meters *tempestivament allura kien x'aktarx illi l-iżball kien jiġi skopert qabel u kollox kien ikun pjanifikat tempestivament.*

*Allura isegwi illi it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa u tiġi miċħuda kemm il-kontestazzjoni tas-soċjetajiet intimati kif ukoll il-kontro-talba taghhom.*

*Ir-rikorrenti kellhom is-servizz u utilizzawh għall-vantaġġ tagħhom u għalhekk però lanqas ma huwa ekwu illi huma jibqgħu "igawdu" minn dan l-iżball sal-ġurnata li infetħu il-proċeduri.*

*Il-kont għandu jiġi rivedut mill-ġurnata illi ir-rikorrenti intebaħ bl-iżball u mar lura għand is-soċjetà intimata u ġibdilha l-attenzjoni. Wieħed għandu jippreżumi illi ir-rikorrenti mar jiġri għand is-soċjetà intimata dakinhar stess li rċieva il-kont u allura id-data qed tiġi ffissata bħala li hija dik tal-21 ta' Frar 2020. Minn dakinhar huwa kien jaf illi ir-rati kienu baxxi, kienu inapplikabbli għas-servizz li kien qed jieħu u kwindi huwa kellu l-ghażla jew li jagħlaq l-istabbiliment tiegħu jew li jibqa' miftuħ iżda iħallas għal dak li qed jieħu.*

*Kwindi minn dakinhar ir-rati għandhom ikunu dawk kummerċjali u sa dakinhar għandhom jibqgħu japplikaw ir-rati l-antiki u ċioe dawk residenzjali.*

*Isegwi allura illi din għandha tkun id-data minn meta ir-rikorrenti għandu jibda iħallas bir-rati kummerċjali u jibqa' hekk sal-gurnata tallum u anzi sal-ġurnata li ma jkunx hemm tibdil fl-użu tal-istess fond fejn hemm installat is-servizz."*

## L-Appell

8. L-appellanti appellaw mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2024, fejn qegħdin jitolbuha sabiex:

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata deċiża fl-14 ta' Marzu tas-sena 2024 miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fl-ismijiet premessi u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta kif ukoll tilqa' t-talbiet tas-soċjetà appellanta fil-kontro-talba tagħhom filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-atturi appellati fir-rigward tal-istess.*
>
> *Bl-ispejjeż a karigu tal-appellati."*

Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma dawn: (i) minkejja li l-Arbitru għaraf li l-appellati huma kapaċi li jieħdu għażliet u dikjarazzjonijiet konxji, huwa tefa' l-piż tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-appellanti; (ii) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti; u (iii) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat fir-rigward tal-ħruġ tal-kontijiet tad-dawl in kwistjoni.

9. L-appellati wieġbu fit-3 ta' Mejju, 2024, fejn sostnew li l-appell odjern huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk il-lodo arbitrali appellat għandu jiġi kkonfermat minn din il-Qorti fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qegħdin iressqu l-appellanti, u dawn fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellati, u ta' dak li ddeċieda l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu.

11. *Fl-ewwel aggravju* tagħhom, l-appellanti jgħidu li għalkemm l-Arbitru għaraf li l-appellati huma nies kapaċi li jieħdu għażliet u jagħmlu dikjarazzjonijiet

konxji, huwa tefa' l-piż tagħhom fuq l-appellanti. L-appellanti jgħidu li huma pjuttost perplessi għaliex filwaqt li l-Arbitru għaraf li l-appellati *'ma kienux nies illitterati'* u li *'kienu nies li jafu jaqraw,* huma l-appellati li għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għall-applikazzjoni li huma kienu mlew u qraw. L-appellanti jilmentaw bil-qawwa dwar dak li qal l-Arbitru li *'l-konsumatur ma joqgħodx jifli illi dik il-formula li qed tiġi mimlija u li qed jiffirma li, materjalment, hija il-waħda appozita għall-esiġenzi tiegħu",* għaliex jgħidu li dan huwa raġunament illoġiku u nġust fejn partikolarment il-konsumatur ikun jaf jaqra u jikteb, u għalhekk għandu jerfa' waħdu r-responsabbiltà ta' dak li huwa jkun għamel.

*__Fit-tieni aggravju__* tagħhom, l-appellanti jgħidu li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-fatti, u essenzjalment il-Qorti tagħraf li dan l-aggravju jkompli fuq l-aggravju ta' qablu. Jissottomettu li għalkemm jirriżulta mhux kontestat mix-xhieda ta' Maria Borg, rappreżentanta tas-soċjetà appellanta ARMS, li l-applikazzjoni mtliet mill-appellati, l-Arbitru ikkunsidra li normalment din timtela mir-rappreżentant stess fl-uffiċċju fejn ikun mar il-konsumatur. L-appellanti għidu li minbarra l-fatt li dan il-ħsieb mhuwiex wieħed tajjeb, huwa wkoll wieħed inġust, għaliex ma jirriflettiex il-provi li tressqu, u b'hekk jitfa' piż indebitu fuq ir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanta ARMS. L-appellanti jiċċitaw silta oħra mil-lodo arbitrali, li fil-fehma tagħhom tirrifletti l-allegata inġustizzja li saret fil-konfront tagħhom. Jikkontendu li bl-istess raġunament tal-Arbitru, wieħed jistenna li l-konsumatur, b'mod partikolari dak intelletwali, għandu juri responsabbiltà fi kwalunkwe sitwazzjoni.

Dwar *__it-tielet aggravju__* tagħhom, l-appellanti jissottomettu li huma jinsabu aggravati wkoll bil-fatt li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat fil-lodo arbitrali

fir-rigward tal-ħruġ tal-kontijiet tad-dawl in kwistjoni. Jispjegaw li meta l-*meter reader* tas-soċjetà appellanta ARMS jaċċedi sabiex jinqara l-*meter*, il-konsumatur dejjem jirċievi notifika bil-posta, anki t-tieni darba, imma jekk il-*meter* jibqa' ma jinqarax, imbagħad tinħareġ stima. Sadanittant l-konsumatur ikollu ż-żmien li jibgħat il-qari tal-*meter* permezz ta' *email,* jew billi jmur jikkomunikah f'wieħed mill-uffiċini tagħha, u b'hekk jinħareġ il-kont attwali. Barra minn hekk, meta l-konsumatur jirċievi l-kont, huwa jkun jista' jibgħat ritratt tal-*meter* u b'hekk il-kont jiġi aġġustat. L-appellanti jirrilevaw ukoll li fuq il-kontijiet li kienu qegħdin jirċievu l-appellati, kien hemm indikazzjoni li r-rata applikata kienet dik domestika (DOM), u mhux kummerċjali (NON RES), u għalhekk hawnhekk ukoll l-Arbitru wasal għal konklużjoni żbaljata.

12. Min-naħa tagħhom l-appellati jilqgħu għall-ewwel aggravju, billi jissottomettu li l-appellanti qegħdin jiċċitaw partijiet mil-lodo arbitrali barra mill-kuntest tagħhom. Jikkontendu li r-raġunament tal-Arbitru huwa wieħed ċar, konsistenti u korrett, u tassew ikun *'inġust u illoġiku'* jekk l-appellanti jitħallew jabbużaw minn xi nuqqas, anki jekk dan seta' kien min-naħa tal-impjegat tagħhom stess. Dwar it-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellati jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, fejn dejjem ġie ritenut li Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti jew tribunal, u dan sakemm ma tagħrafx li tkun ser isseħħ ġustizzja manifesta fil-konfront ta' xi parti jew oħra. L-appellati ikkontendu li fil-każ odjern, ma jirriżultax li l-apprezzament tal-Arbitru huwa konsiderevolment żbaljat, tant li ser joħloq inġustizzja gravi u manifesta. L-appellati jinsistu li l-qofol tal-vertenza huwa dak li huma riedu u talbu għalih. Jekk imbagħad l-appellanti kienu tal-fehma li kien hemm xi żball

min-naħa tal-Arbitru fl-apprezzament tal-fatti li għamel, kien jispetta lilhom li juru fejn huwa dan l-iżball, iżda dan huma tassew ma kienux għamluh. Għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju tal-appellanti, huma jissottomettu li l-fatt li dawn baqgħu għal sena sħiħa joħorġu biss stima tal-konsum, kien serva sabiex jittawwal iż-żmien li huma kienu baqgħu fl-għama dwar l-iżball fit-tariffa. L-appellati jirrilevaw li l-fatt li l-*meters* ma nqrawx, ġie kkonfermat mir-rappreżentant tal-appellanti Reuben Bonnici, u għalhekk ma setax jiġi kkontestat.

13. Il-Qorti tgħid li l-lodo arbitrali appellat huwa wieħed korrett u ġust. L-Arbitru mill-ewwel għaraf li ġaladarba ma kienx ikkontestat il-fatt li hemm formola li għandha timtela sabiex is-servizz jinqaleb minn wieħed residenzjali għal wieħed kummerċjali, il-kwistjoni kienet proprju tirrigwarda dak li ntalab mill-appellati meta marru kellmu lill-impjegata tas-soċjetà appellanta ARMS, u dak li huma ngħataw bħala formoli. L-Arbitru ddikjara li l-appellati kienu jidhru *'nies tal-affari taghhom u affidabbli. Ma kienux nies illitterati'.* Iżda qal ukoll li bħall-maġġoranza tal-Maltin, huma ħaduha *'for granted'* li l-formola li ngħataw minn dak l-uffiċċju, kienet tirrifletti t-talba li huma kienu għamlu. L-Arbitru raġonevolment għaraf li ħafna drabi, meta l-konsumatur imur fi kwalunkwe uffiċċju u jagħti d-dettalji tiegħu sabiex dawn jimtlew skont il-ħtieġa, huwa ma jaqrax dak li jissejjaħ *'small print'* meta imbagħad jintalab sabiex jiffirma, u b'hekk jistrieħ fuq il-fatt li l-formola hija dik li tissodisfa l-eżiġenzi tiegħu. L-Arbitru kompla billi qal, li min-naħa tiegħu l-impjegat tal-kumpanija jew tad-dipartiment governattiv jew bank li jkun, huwa fid-dover li jara u jaċċerta ruħu li jifhem dak li jkun ġie mitlub mill-konsumatur.

14. Filwaqt li l-Arbitru ħa konjizzjoni tal-argument li qegħdin iressqu għal darb'oħra l-appellanti quddiem din il-Qorti, anki fejn kienu qegħdin jikkontendu li kellu jiġi nvestigat jekk l-appellat kienx jagħraf id-differenza bejn id-diversi formoli tas-soċjetà appellanta ARMS, stqarr li dan l-argument ma jsegwiex. L-Arbitru rrileva ġustament li dak li kellu jsir sabiex tinstab soluzzjoni ekwa u ġusta għal din il-vertenza, kien li jiġi mistħarreġ dak li qal l-appellat lir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanta ARMS, u x'formola huwa kien ingħata dakinhar. L-Arbitru hawnhekk għamel riferiment għal dak li qalet Maria Borg, li xehdet in rappreżentanza tas-soċjetà appellanta ARMS, u għaraf li l-prassi kienet li r-rappreżentant tal-*customer care unit* jaqdi lill-konsumatur skont l-akbar abbiltà u attenzjoni, iżda kulħadd huwa dispost li jagħmel żball, bħal ma kien ġara fil-każ odjern.

15. L-Arbitru sewwa għamel meta ma tax importanza lill-*emails* interni tas-soċjetà appellanta, u sostna għal darb'oħra li kien dak li xehdu fuqu l-appellati, li kellu jingħata importanza, u ċċita dak li qalet l-appellata fix-xhieda tagħha. L-Arbitru ġustament ikkunsidra li r-rappreżentanta tal-*customer care unit* tal-ARMS kienet fehmet ħażin lill-appellati, u għaddietilhom formola b'oħra, iżda dan ċertament kien riżultat ta' żball u mhux ta' qerq, għaliex hija ma kellha l-ebda nteress li tagħmel ħsara lil xi parti. Hawnhekk il-Qorti żżid tgħid li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, u fid-dawl ta' dak li xehdu l-appellati, l-Arbitru kien korrett meta għaraf li l-iżball kien sar min-naħa tar-rappreżentanta tas-soċjetà appellanta ARMS, u mhux bil-kontra, kif qegħdin isostnu l-appellanti. L-Arbitru sewwa wkoll iddikjara li madankollu n-nuqqas jew it-traskuraġni jew l-iżball min-naħa tar-rappreżentanta tas-soċjetà appellanta ARMS, ma setgħux jitgħabbew bih l-appellati. L-Arbitru għaraf li l-konsumatur tassew għandu joqgħod attent

x'dokumenti jkunu ngħatawlu għal firma, iżda ħafna drabi min ikun qiegħed jaqdi lill-konsumatur ikun ħerqan li jaqdih kemm jista' jkun malajr, u għalhekk l-konsumatur jaqbad jiffirma fejn jiġi ndikat lilu, u jitlaq ' l hemm. Qal li meta mbagħad tinqala' xi problema, il-konsumatur m'għandux jitgħabba bir-responsabbiltà għall-konsegwenzi, għaliex hija proprju l-għaġġla li twassal għall-iżbalji, fejn l-għaġġla bl-ebda mod ma tista' tkun tort tiegħu.

16. L-Arbitru tajjeb għaraf ukoll li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex is-soċjetà appellanta ARMS ma ħarġet l-ebda kont attwali, iżda biss stimi, meta l-fond kien ikun miftuħ, u r-rappreżentant tagħha seta' faċilment imur jaċċerta x'kien il-konsum. L-Arbitru għalhekk tajjeb qal li l-iżball hawnhekk kien wieħed doppju min-naħa tas-soċjetà appellanta ARMS. Iżda l-Qorti iżżid tgħid ukoll li jirriżulta mill-fattura relattiva, li meta nħareġ il-kont ta' €14,501.09 fid-29 ta' Ottubru, 2021, dan inħadem fuq qari li kien ħa l-konsumatur stess, li kif jidher mill-*email* tiegħu tas-17 ta' Frar, 2022, ma damx wisq jitnikker biex ilmenta mas-soċjetà appellanta ARMS personalment, fejn ġie mgħarraf li r-rata applikata kien dik għal użu residenzjali. Għalhekk l-Arbitru sewwa sab li t-talbiet tal-appellati kellhom jiġu milqugħa, filwaqt li l-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tal-appellanti kellhom jiġu miċħuda. Il-Qorti tikkondividi għal kollox ir-raġunament tal-Arbitru, u filwaqt li tagħmlu tagħha, tgħid li m'għandhiex iktar x'iżżid miegħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħad l-appell tal-appellanti, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**